# IL-ĦATFA TA' MALTA MILL-FRANĊIŻI FL-1798: X'NIĊĊELEBRAW?

Din is-sena taħbat il-mitejn anniversarju ta' l-invażjoni tal-Franċiżi f'Malta. Aħna l-Maltin magħrufin għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-anniversarji. Rajna żewġ personaġġi Franċiżi lebsin il-kostum ta' uffiċjali ta' l-armata repubblikana Franċiża jżuru lill-President bil-ħsieb li f'Ġunju li ġej jiġu oħrajn bħalhom biex Malta tiċċelebra l-ħatfa ta' pajjiżna mit-truppi ta' Bonaparti. X'għandna niċċelebraw - is-sagrifiċċju li għamlu l-Maltin meta rvillaw f'Settembru 1798, jew l-istrupru ta' pajjiżna mill-kursar ta' Korsika, Napuljun?

L-istorja m'hijiex folklor, u jekk hemm mument fi ġrajjet artna li jistħoqqlu jkun imfakkar hu preċiżament dak li għaddew minnu tul l-imblokk il-Maltin ta' mitejn sena ilu.

Ħal Luqa wkoll intlaqat mit-terrur li ġabet l-invażjoni Franċiża. Kien hawn il-biża', il-faqar, il-ġuħ, il-mard u l-imwiet. Tgħid il-Franċiżi resqu lejn Ħal Luqa f'dawk l-ewwel ftit xhur ta' qabel l-imblokk? Mid-dokumenti li jeżistu m'għandniex evidenza ta' dan. Mill-knisja parrokkjali jidher li ma ntmiss xejn għax l-opri antiki li kellna kollha għadhom hemm.

Skond l-ordnijiet ta' Bonaparti, ir-raħal kien jagħmel parti mill-muniċipju ta' Casal Fornari (Ħal Qormi); ir-rappreżentant ta' Ħal Luqa kien Orazju Ellul. Dawn il-muniċipji ma laħqu għamlu xejn għax wara tliet xhur beda l-irvell u għalhekk l-amministrazzjoni Franċiża fil-partijiet rurali ta' Malta sfat fix-xejn. Kif beda l-ġlied, Ħal Luqa kellha tifforma gvern proviżorju magħmul minn kap kmandant, kap tal-battaljun, imħallef għar-raħal u tliet kummissarji. In-nies tar-raħal ħasbu wkoll għad-difiża tal-lokal billi ħaffru trunċiera u ramaw batterija bil-kanuni fit-triq tal-Belt.

Meta tnieda l-Kungress Nazzjonali fl-1799, ir-rappreżentant ta' Ħal Luqa, l-avukat Ġużeppi Casha nħatar wieħed mill-mexxejja tal-Maltin. Meta l-Ingilterra bagħtet l-ewwel għajnuna militari f'Malta, xi suldati Ngliżi ġew stazzjonati fir-raħal. Ġew ukoll xi refuġjati mill-Belt, il-Furjana u t-Tliet Ibliet.

Il-Franċiżi ċedew f'Settembru 1800. L-Ingliżi ħallewhom joħorġu minn Mlata bl-unuri. Is-sagrifiċċji tal-Maltin ma tqiesu xejn u l-Franċiżi telqu mingħajr qatt ma rreparaw għal ħsara kbira li ħallew warajhom. L-ewwel attentat tal-Maltin li jkollhom sehem fit-tmexxija ta' arthom sfaxxa fix-xejn. Jekk irridu nfakkru xi ħaġa, għandna nfakkru l-qlubija ta' missirijietna u mhux lill-barrani.

Anton Morana